MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2015

Numru 193/2015

**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**

**VS**

**TERESA CREMONA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Teresa Cremona ta’ 48 sena, bint Saviour u Doris nee’ Cachia, mwielda Pieta’ nhar is-7 ta’ Mejju 1966, residenti 52, Flat 8, Triq Pawlu Farrugia, Qormi u detentrici tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 214766M;

Talli;

1) Nhar l- 14 ta’ Dicembru 2014 ghal habta ta’ bejn is- 6.00pm u s-7.00pm gewwa Triq iz-Zonqor, Marsaskala, volontarjament hasret, ghamlet hsara jew gharqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe’ hsara fuq vettura tat- tip Mercedes bin-numru tar- registrazzjoni personalizzat CREMONA, liema hsarat huma ta’ aktar minn €250 izda inqas minn €2,500 ghad- detriment ta’ Francis Cremona u/ jew persuna/ i ohra;
2) Aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ghamlet, ingurjat jew theddid mhux imsemmi band’ ohra fil-Kodici Kriminali jew jekk kienet ipprovokata, ingurjat b’mod li harget barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Francis Cremona u/ jew persuni ohra;
3) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisret il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputata rregistrat ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, wara li l-Qorti tatha zmien xieraq skond il-ligi sabiex tikkonsidra sew l-ammissjoni taghha, u wara li giet imwissija severament dwar il-konsegwenzi li din l-istess ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 325(1)(b), 339(1)(e) u 338(1) (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni l-Qorti ssib lill-imputata hatja u ghaldaqstant tilliberaha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-imputata thallas is-somma ta' elf, tlett mija u tmenin Ewro (€1,380) fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal-Artikolu 24 tal- Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------